Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-9 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 74/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Spettur Ian Vella**

**Versus**

**Adel Dawah**
**(528895M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Adel Dawah** detentur tal-karta tal-identita' Maltija 528895M.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuzat talli fil-15 ta' Lulju 2023 bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00) gewwa r-residenza 86, Triq Abela, Santa Venera u/jew bi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer :

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li sar ghad-dannu ta' Owen Galea u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra.

2. Irrenda ruhu recediv ai fini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-rigward illi l-hati jhallas id-danni ai termini tal-istess Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Owen Galea billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat Adel Dawah skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li

ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Adel Dawah hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

**Illi inoltre ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-hati Adel Dawah jhallas is-somma ta' sebgha mija u sittin Euro lill-*parte civile* Owen Galea (€760.00).**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Owen Galea ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Adel Dawah** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **Owen Galea.**

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**